20 ta' Novembru, 1953

Imħallfin:

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President*;
L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D.;
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Carmela Farrugia *versus* Giuseppe Farrugia

## Bejgħ — Mandat — Akkwist ta' Stabili fl-Interess ta' Ħadd Ieħor — Art. 1277 (1) u Art. 1959 (2) tal-Kodiċi Ċivili.

*Meta wieħed jixtri, jew jakkwista bi kwalunkwe titolu li jkun, fond fl-interess ta' ħadd ieħor, u dan bis-saħħa ta' mandat li dik il-persuna l-oħra tkun tagħtu għal dan l-iskop, il-fond hekk akkwistat minn dak il-mandatarju jsir tal-mandant minn dak il-mument stess, avvolja l-mandatarju jkun għamel l-akkwist tal-fond fl-isem tiegħu proprju u fl-att ma jkun issemma xejn li l-fond qiegħed jinxtara fl-interess tal-mandant.*

*Il-mandat mogħti għal dan l-iskop ma għandux bżonn jingħata bil-miktub, avvolja għandu bħala oġġett tiegħu l-akkwist ta' stabili; għax mandat simili ma jimplikax da parti tal-mandatarju li*

*jittrasferixxi l-fond lill-mandant wara li huwa jkun akkwistah fl-interess tal-mandant u bis-saħħa tal-mandat.*

*U dak il-mandatarju jista' jiġi kostrett għall-eżekuzzjoni speċifika ta' l-obligu tiegħu li jittrasferixxi l-fond lill-mandant; u mhux il-każ li jiġi ritenut li l-mandatarju huwa inadempjenti, għax akkwista l-fond f'ismu u mhux f'isem il-mandanti, u li għalhekk huwa jista' jiġi biss azzjonat għad-danni, u mhux ukoll għall-eżekuzzjoni speċifika. U biex il-mandant jeżiġi ġudizzjarjament din l-eżekuzzjoni speċifika ma hux meħtieġ li huwa jimpunja l-att ta' l-akkwist; imma huwa biżżejjed li huwa jipprova li l-akkwirent tal-fond, meta deher fuq l-att ta' l-akkwist, kien qiegħed jidher u jikkuntratta fl-interess tal-mandanti, għalkemm għamel kollox f'ismu proprju.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna, magħmula minn Carmela armla ta' Francesco Farrugia kontra Giuseppe Farrugia, li biha, billi l-instanti u Mosè Galea kienu ftehmu li kellhom jixtru minn għand l-aħwa Micallef l-istabili infraskritti; u billi l-instanti kienet ftehmet mal-konvenut li kellu jidher minflokha fuq l-att opportun; u billi, skond il-ftehim fuq imsemmi, u in eżekuzzjoni tad-delegazzjoni lilu mogħtija, l-imsemmi konvenut Giuseppe Farrugia, binha, b'att tan-Nutar Francesco Gauci tad-29 ta' Mejju 1940, xtara, għalkemm f'ismu, imma fl-interess u bi flus ta' l-instanti, flimkien ma' Mosè Galea, minn għand Maria Micallef u ħutha, indiviżament ma' Mosè Galea nofs kull wieħed, iż-żewġ stabili fi Strada Porta Reale (il-lum Main Gate Street) tal-Belt Vittorja, Gozo, ċjoè :— (a) maħżen ad użu ta' garage numru 38, b'mandretta miegħu retroposta ta' erba' kejliet, u (b) ġnien, jew sit fabbrikabili, li fih żewġ kmamar żgħar ad użu ta' barumbara, ta' ċirka siegħ u kejla, kif jinsabu deskritti fl-istess att, bil-prezz ta' £315 (dok. A); u billi in eżekuzzjoni ta' sentenza ta' dik il-Qorti tat-8 ta' Frar 1944, mogħtija fil-kawża fl-ismijiet "Mosè Galea vs. Giuseppe Farrugia" (Ċitazzjoni 43/1943), saret id-diviżjoni ta' l-istabili fuq indikati bejn l-istess Mosè Galea u Giuseppe Farrugia, u lill-konvenut Giuseppe Farrugia, fl-att tad-diviżjoni, pubblikat min-Nutar Francesco Refalo fl-14 ta' Frar 1944, messitu t-

tieni porzjoni, konsistenti f'nofs is-sit fabbrikabili magħruf "ta' Putirjal" f'Main Gate Street, Victoria, Gozo, komprendenti strixxa ta' art li kellha tiġi segregata u maqtugħa minnaħa tat-tramuntana, tal-wisa' ta' ċirka 18-il pied u 6 pulzieri, u tal-kapaċità ta' 9 kejliet, li fuqha hemm kostruwita kamra żgħira u barumbara, tmiss mit-tramuntana ma' beni ta' Dr. Giuseppe Micallef, mill-lvant ma' triq u min-nofsinhar ma' l-ewwel porzjoni, li messet lil Mosè Galea, u ħa wkoll, bħala ekwiparazzjoni għal darba biss minn għand l-imsemmi Mosè Galea, possessur ta' l-ewwel porzjoni, is-somma ta' £42 (dok. B); u billi, għalkemm il-konvenut għamel kollox b'ismu, il-kontendenti dejjem ikkunsidraw dana l-istabili bħala appartenenti lill-instanti, tant li l-prezz tax-xiri, kif ukoll l-ispejjeż tal-kuntratti, tal-kawża tad-diviżjoni fuq imsemmija, kif ukoll kwalunkwe spiża oħra, ġew kollha żborżati mill-instanti;

U billi, nonostanti l-fuq premess, il-konvenut naqas illi jittrasferixxi a favur ta' l-instanti l-istabili fuq indikat kif messu fid-diviżjoni fl-imsemmija atti tan-Nutar Francesco Refalo ta' l-14 ta' Frar 1944; u billi inutilment il-konvenut approfitta ruħu mill-fatt li l-bejgħ u d-diviżjoni fuq indikati saru f'ismu biss, u ċaħad il-ftehim li hu kellu ma l-instanti u d-delegazzjoni lilu mogħtija, u qiegħed jallega u jippretendi illi l-akkwist ta' l-istabili fuq indikat kien sar f'ismu u fl-interess tiegħu biss (dok. C);

Premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti neċessarji, u premessa speċjalment id-dikjarazzjoni illi l-akkwist ta' l-istabili fuq deskritt, kif ukoll l-assenjazzjoni tiegħu fl-att tad-diviżjoni fuq indikat, sar u kellu jsir fl-interess ta' l-instanti wara d-delegazzjoni li l-istess konvenut irċieva minn għand l-attriċi, talbet li l-konvenut jiġi kundannat jittrasferixxi u jassenja għaf-favur ta' l-attriċi l-istabili fuq deskritt kif ġie lilu assenjat fl-att tad-diviżjoni publikat min-Nutar Francesco Refalo ta' l-14 ta' Frar 1944, billi għall-finijiet premessi jiġu nominati nutar biex jirċievi u jippublika l-att opportun u kuraturi biex jirrappreżentaw l-eventwali kontumaċi fuq l-istess att. Salvi drittijiet u azzjonijiet oħra. Bl-ispejjeż, komprizi dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-26 ta' Ġunju 1951;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fis-26 ta' Frar 1953, li biha ġew miċħuda l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u milqugħa t-talbiet dedotti mill-attriċi fiċ-ċitazzjoni, u għall-fini tal-publikazzjoni ta' l-att opportun, li għandu jiġi publikat fl-uffiċċju tiegħu Sir Adrian Dingli Street, Victoria, Gozo, fl-14 ta' Marzu 1953, fl-10 a.m., ġie nominat in-Nutar Francesco Gauci, u bħala kuratur biex jirrappreżenta l-eventwali kontumaċi l-Avukat Anton Calleja, u ġie ordnat li l-ispejjeż kollha jitħallsu mill-konvenut; wara li kkunsidrat;

Illi b'kuntratt magħmul għand in-Nutar Francesco Gauci fid-29 ta' Mejju 1940, il-konvenut, flimkien ma' Mosè Galea, xtraw indiviżament bejniethom minn għand l-aħwa Micallef żewġ stabili li qegħdin fi Strada Porta Reale, Vittoria, u ċjoè maħżen numru 38 b'mandretta miegħu u ġnien, jew sit fabbrikabili, li fih żewġ kmamar żgħar ad użu ta' barumbara, imsemmija fiċ-ċitazzjoni;

Illi b'kuntratt ieħor magħmul għand in-Nutar Francesco Refalo fl-14 ta' Frar 1944, in eżekuzzjoni tas-sentenza ta' dik il-Qorti tat-8 ta' Frar 1944, mogħtija fil-kawża fl-ismijiet "Mosè Galea vs. Giuseppe Farrugia", saret il-qasma ta' l-imsemmija stabili bejn Mosè Galea u Giuseppe Farrugia, u lil dana kienet f'din id-diviżjoni messitu t-tieni porzjoni, konsistenti f'nofs is-sit fabbrikabili magħruf "ta' Putirjal", f'Main Gate Street, Victoria, komprendenti strixxa ta' art li kellha tiġi segregata u maqtugħa min-naħa tat-tramuntana, tal-wisa' ċirka 18 il-pied u 6 pulzieri, u tal-kapaċità ta' 9 kejliet, li fuqha hemm kostruwiti kamra żgħira u barumbara, tmiss mit-tramuntana ma' beni ta' Dr. Giuseppe Micallef, mill-lvant ma' triq, u min-nofsinhar mal-porzjoni li messet lil Mosè Galea, u ħa minn għand Mosè Galea bħala ekwiparazzjoni s-somma ta' £42;

L-attriċi qiegħda tippretendi illi, għalkemm il-konvenut fuq l-imsemmija żewġ kuntratti kien deher f'ismu proprju, pure fil-fatt kien qiegħed jidher għaliha bħala mandatarju, ossija bħala "prestanome" tagħha, u kwindi b'din iċ-ċitazzjoni

talbet li l-konvenut jiġi kundannat jittrasferilha l-imsemmi stabili li kien ġie lilu assenjat fl-imsemmija diviżjoni;

Il-konvenut oppona tliet eċċezzjonijiet kontra t-talba :— (a) Illi l-fond in kwistjoni ġie mixtri minnu fl-isem u fl-interess eskluživ tiegħu; (2) Illi l-kuntratt ta' "mandato prestanome" pretiż mill-attriċi huwa fi kwalunkwe kaž ineżistenti u ta' ebda effett ġuridiku, billi għandu bħala oġġett l-akkwist ta' stabili, u ma ġiex rivestit bil-formalità ta' l-iskrittura rikjesta mill-liġi; (3) u jekk, kif tippretendi l-attriċi, il-konvenut naqas mill-kelma tiegħu, u deher fuq l-att ta' l-akkwist mhux għannom tagħha, dan jikkostitwixxi eċċess ta' poter tal-mandatarju, u jiddifferixxi għal kollox minn dik il-figura ġuridika kontemplata fiċ-ċitazzjoni imsejħa "prestanome", u għalhekk l-attriċi tista' jkollha eventwalment azzjoni ta' danni, u mhux dik għall-eżekuzzjoni speċifika;

Illi dwar l-ewwel eċċezzjoni, mill-provi mismugħa rriżulta illi l-imsemmija żewġ stabili, li oriġinarjament kienu ta' ċertu Paolo Micallef, kienu ġew subastati........;

*Omissis;*

Minn dawn il-fatti li rriżultaw pruvati ġie stabbilit illi l-attriċi kienet inkarikat lill-konvenut biex jixtri għan-nom tagħha, u li għalhekk, għalkemm fuq l-att hu ma deherx espressament bħala mandatarju, imma deher f'ismu proprju, fil-fatt hu kien mandatarju tagħha u kien qiegħed jidher għannom u fl-interess tagħha;

Il-Qorti, infatti, ma tistax taċċetta l-versjoni li ta l-konvenut fix-xhieda tiegħu;........;

*Omissis;*

Għalhekk l-eċċezzjoni għandha tiġi skartata;

Illi dwar it-tieni eċċezzjoni, jiġifieri li l-kuntratt ta' mandat pretiż mill-attriċi ma għandu ebda effett, billi ma kienx rivestit mill-formalità ta' l-iskrittura rikjesta mill-liġi, stanti l-fatt li għandu bħala oġġett l-akkwist ta' stabili, illi l-konvenut evidentement qiegħed jibbaża din l-eċċezzjoni fuq id-dispost ta' l-art. 1277(1)(a) tal-Kap. 23, li jeżiġi l-formalità ta' l-att publiku jew skrittura privata, taħt piena tan-nullità, għal kwalunkwe ftehim li jkun fih wegħdha ta' trasferiment jew ta' akkwist, taħt kull titolu li jkun, tal-proprjetà ta' beni im-

mobili jew ta' dritt ieħor fuq dawn il-beni. Iżda f'dan il-każ, kif sewwa qalet l-attriċi fin-nota tagħha, ir-rapport ġuridiku bejn l-attriċi u l-konvenut ma kienx dak ta' promessa ta' bejgħ, imma dak ta' mandat biex jixtri. Skond l-art. 1959(2) tal-Kodiċi Ċivili, il-mandat jista' jingħata b'att publiku, b'kitba privata, b'ittra jew bil-fomm, jew ukoll taċitament. Għalhekk il-forma tal-mandat hija libera. L-unika limitazzjoni li tagħmel il-liġi f'materja ta' mandat tirrigwarda s-setgħa sabiex isiru trasferimenti ta' beni minbarra dawk it-trasferimenti li jaqgħu fil-limiti ta' l-amministrazzjoni, jew sabiex isiru ipoteki fuq beni, jew sabiex isiru attijiet oħra ta' proprjetà, li trid tkun espressa;

Għalhekk ma jidherx li hija rikjesta ebda formalità; u f'dana s-sens hija l-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati Tagħna. "Siffatto mandato......... non occorreva che fosse in iscritto per essere valido, sebbene fosse inteso per l'acquisto di immobili, nessuna limitazione in tale senso contenendosi nella nostra legge" (sentenza Appell 24 ta' April 1931 in re "S. Galea vs. Paolo Gauci ne.", Vol. XXVIII—I—60; Prim'Awla 13 ta' Jannar 1947 in re "V. Vella vs. Angelo Vella"; Prim'Awla 11 ta' Jannar 1950 "Rizzo Bamber vs. Rizzo");

Għalhekk anki din l-eċċezzjoni għandha tiġi respinta;

Illi dwar it-tielet eċċezzjoni, il-konvenut qiegħed jippretendi illi, kif l-istess attriċi qalet fix-xhieda tagħha, il-konvenut fuq l-att tax-xiri kellu jidher għan-nom tagħha, u mhux jidher f'ismu u mbgħad jittrasferixxi lilha; kwindi r-rapport ġuridiku bejn l-attriċi u l-konvenut ma kienx dak ta' mandat bir-rappreżentanza; u meta l-konvenut deher fuq l-att f'ismu, hu naqas li jeżegwixxi l-mandat, u kwindi l-attriċi ma tistax titlob l-eżekuzzjoni speċifika tal-mandat, imma se maj għandha biss azzjoni għad-danni;

Illi, in sostenn ta' dina l-eċċezzjoni, il-konvenut iċċita r-Ricci( Vol. IX, no. 75), Battista, Mandato, no. 48, p. 507, Olivieri, Digesto Italiano, voce Mandato, no. 176; u hemm awturi oħra li jsostnu l-istess teorija, bħal Duranton, Vol. 10, Del Mandato, Titolo XIII, para. 234 u 236; u Gabba, Nuove Quistioni di Diritto Civile, 2da. edizione, Vol. I, p. 165;

Dina t-teorija, kif osservat il-Qorti ta' l-Appell tal-Maes-

tà Tagħha r-Reġina fis-sentenza fl-ismijiet "Galea vs. Gauci" ġa ċitata, "come risulta dal fondamento su cui è da quegli autori basata, è se mai applicabile nel caso in cui il mandatario è inadempiente";

Issa, fil-każ preżenti, għalkemm il-konvenut deher fuq l-att ta' l-akkwist f'ismu proprju, ma rriżultax mill-provi mis-mugħa illi allura l-intenzjoni tiegħu kienet dik li jakkwista għalieħ; anzi mill-fatti sussegwenti deher li huwa ried jeżegwixxi l-mandat, u li l-intenzjoni tiegħu kienet li jakkwista għal ommu, kif jidher, per eżempju, mill-fatt illi, meta nkera l-garage, il-kera kienet iddaħħlu l-attriċi, u mill-fatt l-ieħor illi l-istess konvenut wara l-qasma kkonsenja lill-attriċi l-ekwiparazzjoni li kien irċieva fuq l-att; għalhekk ma jistax jissejjaħ inadempjenti. Gie deċiż, infatti, illi "il mero fatto di avere il mandatario stipulato l'acquisto di una cosa mobile o immobile in nome proprio, anzichè in quello del mandante, non impedisce che il dominio della cosa stessa passi direttamente dal venditore nel mandante, quando è provata l'esistenza del mandato e non è messo in dubbio che il mandatario, nel fare l'acquisto, ebbe di mira di eseguire il mandato" (C. Roma 4 Marzo 1882, Conti c. Felici, riportata fil-Fadda, Vol. IX, paġ. 738, no. 69);

Iżda, apparti dana l-fatt, l-opinjoni kuntrarja hija sostnuta minn diversi awturi oħra. Dawn ipartu mill-prinċipju illi l-kuntratti għandhom jiġu eżegwiti in bwona fede, u jsostnu li, għalkemm lill-mandant ma jikkompeti ebda dritt reali fuq il-fond akkwistat mill-mandatarju bis-saħħa tal-mandat, pure jirrikonoxxu fil-mandant l-azzjoni personali "mandati directi" kontra l-mandatarju, sakemm il-fond jibqa' fil-poter tal-mandatarju, sabiex jikkonsenjalu l-fond akkwistat. Din it-teorija hija suffragata mill-awtorità tal-Pothier (Mandato, Lib. II, sez. III, para. 2, no. 59). "Se io ho incaricato taluno di comperarmi una certa cosa, il mandatario che si è incaricato del mio mandato, e che ha comperato, e che si è fatto consegnare la cosa, deve restituirmela, ancorchè ne avesse fatto l'acquisto in suo nome". L-istess ħaġa jgħid Laurent, Prinċipi di Diritto Civile, Tomo XXVIII, para. 61 :— "........ il mandatario, sebbene tratti in nome proprio, rima-

ne obbligato verso il mandante, ammenocchè non abbia rinunziato il mandato. Sinchè il mandato sussiste, il mandatario è tenuto ad eseguirlo; dunque, quando tratta con un terzo, quantunque in nome proprio, si presume che, rispetto al mandante, egli abbia trattato nell'interesse di questo, e che abbia fatto la cosa di *cui era incaricato*". U l-Baudry-Lacantinerie, Del Mandato, para. 608 :— "Se il mandatario ha contrattato in nome proprio, egli deve surrogare il mandante nei diritti acquisiti" (v. pure Chironi, Diritto Civile, Studi, Vol. III, pag. 149);

Fl-istess sens ġie deċiż mill-Qorti ta' l-Appell ta' Milano fit-30 ta' Diċembru 1869, Ricci XXI. 2. 1630, *riportata* fl-imsemmija sentenza "Galea vs. Gauci", mill-C. Torino fit-13 ta' Marzu 1885, Airaldi c. Robert, Annali 1885, 213, riportata fil-Fadda, Vol. IX, paġ. 738, no. 63, u A. Calabrie 23 ta' Ġunju 1871, Pisani vs. Colerno, Fadda, ibidem 83;

Dina wkoll tidher li kienet il-fehma tal-Qorti ta' l-Appell *fil-kawża ċitata "Galea vs. Gauci"*;

Għalhekk anki dina l-eċċezzjoni għandha tiġi respinta;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut Giuseppe Farrugia, u rat il-petizzjoni tiegħu fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi d-domandi kontenuti fl-att taċ-ċitazzjoni jiġu riġettati; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi tlieta huma l-aggravji miġjubin il-quddiem mill-appellant kontra s-sentenza appellata. Dawn huma :— (a) Li mill-provi akkwiżiti għall-proċess jidher li l-akkwist tal-fond in kwistjoni sar, kif kellu jsir, fl-interess esklużiv ta' l-appellant, u mhux ta' l-attriċi; (b) li l-mandat verbali għall-akkwist ta' immobili mhux attendibili; (c) u li l-mandatarju inadempjenti, li jeżegwixxi l-mandat f'ismu u fl-interess tiegħu, ma jistax jiġi azzjonat u kostrett għall-eżekuzzjoni speċifika ta' l-obligazzjoni tiegħu, imma sempliċement għar-riżarċiment tad-danni;

Ikkunsidrat;

Illi, kwantu għall-ewwel aggravju, mill-kumpless tal-provi mressqin quddiem l-Ewwel Qorti............ irriżulta b'mod

soddisfaċenti li fuq l-att ta' l-akkwist........... Għalkemm fuq dak l-att ma ssemmiex espressament li huwa kien qiegħed jidher bħala mandatarju ta' l-attriċi, fil-fatt hu kien mandatarju tagħha, u kien qiegħed jidher minflokha u fl-interess esklużiv tagħha;

Ikkunsidrat;

Illi, kwantu għat-tieni aggravju, lanqas ma jidher li għandu bażi fil-liġi. Infatti, fuq l-att ta' l-akkwist l-appellant deher, għalkemm f'ismu, iżda fil-fatt bħala mandatarju jew "prestanome" ta' ommu l-attriċi, u b'eżekuzzjoni ta' ftehim verbali li kien hemm għal dak l-iskop. L-appellant qiegħed isostni li dan il-ftehim, billi kien jirrigwarda akkwist ta' stabili, messu sar bil-miktub; u ladarba ma sarx hekk, huwa null u ta' ebda effett. Dina l-pretensjoni l-appellant jibbażaha fuq id-dispożizzjoni ta' l-art. 1277(1)(a) tal-Kodiċi Ċivili li, taħt piena ta' nullità, jippreskrivi l-att publiku jew l-iskrittura privata għal kwalunkwe ftehim li jimplika promessa ta' trasferiment jew ta' akkwist, bi kwalunkwe titolu, tal-proprjetà ta' beni immobili, jew ta' dritt ieħor fuq dawn il-beni. L-appellant qiegħed isostni li l-att ta' l-akkwist kompjut minnu bl-imsemmi kuntratt tad-29 ta' Mejju 1940 huwa biss att preparatorju, li kien jimplika l-promessa tiegħu li jerġa' jittrasferixxi lill-attriċi, bħala mandanti tiegħu, l-istabili minnu akkwistat b'ismu;

Ikkunsidrat;

Illi, apparti l-fatt li, skond il-liġi tagħna (art. 1959(2) Kodiċi ċitat), il-mandat jista' jingħata b'att publiku, b'kitba privata, b'ittra, bil-fomm, u anki taċitament, u ma hemm ebda limitazzjoni fis-sens pretiż mill-appellant, fil-każ in eżami ma jistax jiġi ritenut li l-obligu tal-mandatarju kien jirriżolvi ruħu fi promessa ta' trasferiment ta' l-istabili minnu akkwistati b'inkariku u fl-interess tagħha;

Infatti mhux il-każ li l-appellant jiġi msejjaħ biex ibiegħ jew jittrasferixxi lill-attriċi dak li huwa akkwista f'ismu, imma li jirrikonoxxi li dak l-akkwist huwa għamlu fl-interess ta' l-attriċi, in eżekuzzjoni tal-mandat minnha lilu konferit, għalkemm dan ir-rikonoxximent ikollu jassumi l-forma ta' trasferiment imħabba n-neċessità ta' l-att publiku, li huwa

rikjest għat-titolu ta' kwalunkwe proprjetà ta' stabili. Fi ftit kliem, l-attriċi kienet fil-fatt l-oriġinarja kumpratriċi, għalkemm fuq l-att tad-29 ta' Mejju 1940 deher biss l-appellant f'ismu. Jingħad ukoll li, kif ġie kostantement deċiż minn din *il-Qorti*, "nulla osta in legge a che, senza impugnare un contratto, si dimostri con prove che uno dei contraenti compariva e stipulava per conto e interesse di altra persona non figurante sull'atto, ma avente diritto di avocare a sè quello che nel di lei interesse sia stato contrattato". Fis-sens talkonsiderazzjonijiet żvolti f'dan il-paragrafu ara sentenzi ta' din *il-Qorti* in re "Galea vs. Gauci", 24 ta' April, 1931, Kollez. Vol. XXVIII, parte I, paġ. 60; in re "Debono vs. Debono", 13 ta' Marzu 1953; in re "Calleja vs. Deguara", 10 ta' Ottubru 1930, Kollez. Vol. XXVIII, parte I, paġ. 620; u in re "Zammit vs. Debattista", 15 ta' Diċembru 1933);

Ikkunsidrat, fuq it-tielet u l-aħħar aggravju;

Illi l-kwistjoni sollevata mill-appellant, fis-sens li l-mandatarju inadempjenti, li jeżegwixxi l-mandat f'ismu u fl-interess tiegħu, ma jistax jiġi kostrett għall-eżekuzzjoni speċifika ta' l-obligu tiegħu, imma biss għar-riżarċiment tad-danni, ġiet diversi drabi eżaminata u riżoluta minn dawn il-Qrati (ara sentenzi fuq ċitati ta' din il-Qorti in re "Galea vs. Gauci", 24 ta' April 1931, u in re "Calleja vs. Deguara", 10 ta' Ottubru 1930; u Prim'Awla in re "Meli vs. Meli", 25 ta' Mejju 1927, u in re "Briguglio vs. Parnis", 20 ta' Diċembru 1928), fis-sens li, meta l-mandatarju jeżegwixxi l-inkariku li jkun irċieva, u hekk jakkwista fond f'ismu, iżda fl-interess tal-mandant, huwa jista' jiġi kostrett għall-eżekuzzjoni speċifika, u kwindi għat-trasferiment tal-fond lill-mandant. Din it-teorija hi avvalorata mill-Baudry-Lacantinerie (Del Mandato, no. 890), mill-Pothier (Mandato, Capo II, sez. III, par. 2, no. 59), mil-Laurent (Principi di Diritto Civile, Vol. XXVIII, par. 60 e 61)), u mill-Pacifici Mazzoni (Diritto Civile, 1921, Vol. V, parte II, paġ. 297);

Ikkunsidrat;

Illi, għar-raġunijiet fuq miġjuba u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti, li huma adottati, ebda wieħed mill-gravami mressqin kontra s-sentenza appellata ma jirriżulta ġustifikat; u għal-

hekk l-appell ma jisthoqqlux jiġi milqugħ;

Għaldaqshekk;

Tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż kontra l-appellant Giuseppe Farrugia; b'dana li l-att b'dik is-sentenza ordnat għandu jiġi publikat fil-post hemm imsemmi, b'ministeru tan-nutar u bl-intervent tal-kuratur hemm nominati, fis-7 ta' Diċembru 1953, fl-10 a.m.